**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Amadeo Grima**

Kaz Numru: 424/2013

Illum, 1 ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Amadeo Grima, ta' 33 sena, iben Anthony u Anna Louise nee' Borg, imwieled Pieta, fit-8 ta' April 1980 u residenti St. Joseph, Triq l-Ghannejja, Birzebbugia, detentur ta' karta tal-identita' 259780 (M):

Akkuzat talli:

1. Fil-lejl bejn l-20 u l-21 t'Awwissu 2002 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi l-ammont ta' €232.94 (Lm100) minn Tas-Silg Self Service, Triq Tas-Silg, Marsaxlokk, liema serq huwa kwalifkat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-€2329.37 (Lm1,000) u bil-Hin, ghad-detriment ta' Albert Muscat u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €23.29 (LM10) izda anqas minn €116.47 (Lm50) ghad-dannu ta' Albert Muscat u/jew xi persuna/i w/jew ta' xi entita u/jew entitajiet ohra;

3. Akkuzat ukoll talli nhar it-3 ta' Settembru 2002 f'xi hin bejn in-12:30 hrs u l-16:00 hrs ikkommetta serq ta' flus kontanti minn Tas-Saghjtar Pharmacy, Triq is-Saghjtar, Mosta liema serq huwa kwalifikat bil-Mezz ghad-detriment ta' Joseph Gatt u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' entita' u/jew entiajit ohra;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €23.29 (Lm10) izda anqas minn €116.47 (Lm50) ghad-dannu ta' Joseph Gatt u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

5. Akkuzat ukoll talli b'hekk ghamel reat waqt perijodu operattiv ta' conditional Discharge ghal perjodu ta' tlett (3) snin moghtija lilu mill-Magistrati (Malta), Magistrat Dar Joseph Cassar LL.D. nhar il-5 ta' Lulju 2000;

6. U aktar talli b'hekk ghamel reat waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Noel Cuschieri LL.D, nhar it-22 ta' Novembru 2001;

Il-Qorti hija genitlment mitlubha titratta ma Amadeo Grima bhala recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jithassru ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Krminali, Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-prceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artilou 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat diga' gie trattat ghall-imputazzjonijiet hamsa u sitta permezz ta' sentenza datata 14 ta' Mejju 2003.

Illi inkwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra l-imputat ammetta l-istess imputazzjonijiet u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni u n-natura u l-gravita' tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat kif ukoll il-fedina penali tieghu li hija wahda refrattarja. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li ghandha timponi prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu kojizzjoni ulterjuri tal-hames u sitt imputazzjonijiet, wara li rat l-artikli 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278, 279(a), 280(2), 281(a), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fl-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija.

Inotre' a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 il-hati qieghed jgi ordnat ihallas l-ammont ta' €1,475 rapprezentanti hlas ta' esperti nominati. Il-hati qiehged jingahta tlett (3) snin zmien sabiex ihallas l-ammont minn mindu jiskonta s-sentenza. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ikun hemm konversjoni tal-bilanc fi prigunerija.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat